

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 49 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni (l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 29(3) tal-Leġa nr. 571/2003 privind Codul fiscal (il-Liġi Nru 571/2003 li Tistabbilixxi l-Kodiċi tat-Taxxi)), li tippermetti li trasferiment bankarju ta' fondi minn ferġha residenti fi Stat Membru lill-kumpannija omm tagħha residenti fi Stat Membru ieħor jiġi rriklassifikat bħala "tranżazzjoni li tiġġenera dħul", b'mod li l-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-prezzijiet tat-trasferiment issir obbligatorja, filwaqt li, jekk l-istess tranżazzjoni tkun saret bejn ferġha u kumpannija omm, it-tnejn li huma residenti fl-istess Stat Membru, din ma kinitx tkun tista' tiġi rriklassifikata hekk u l-imsemmija regoli ma kinux jiġu applikati?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil no 3 de Valencia (Spanja) fit-23 ta' Lulju 2019 – GT vs Air Nostrum Líneas Aéreas del Mediterráneo S.A.**

(Kawża C-560/19)

(2019/C 372/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil n° 3 de Valencia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: GT

Konvenuta: Air Nostrum Líneas Aéreas del Mediterráneo S.A.

**Domandi preliminari**

- 1) Huwa possibbli li jitqies li l-impriża li għandha bħala l-għan tagħha t-trasport bl-ajru tal-passiġġieri, li tbiegħ il-biljett iżda ma toperax it-titjira, jiġifieri li ma twestaqx effettivament it-titjira, hija inkluża fil-kunċett ta' "trasportatur ta' l-ajru li qed jopera li jwettaq [...] titjira"?
- 2) F'każ ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, id-dritt għal kumpens fi flus favur il-passiġġieri previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament [Nru ]261/2004<sup>(1)</sup> jeżisti anki meta t-titjira tkun diviża f'diversi partijiet u minħabba dewmien żgħir (ta' inqas minn tliet siegħat) f'waħda mill-partijiet tat-titjira, jirriżulta dewmien kbir (ta' iktar minn tliet siegħat) għall-wasla fid-destinazzjoni finali minħabba t-telf tal-konnessjoni? F'każ ta' risposta pożittiva, fil-każ li t-trasportaturi li effettivament iwettqu d-diversi partijiet tat-titjira jkunu differenti, it-trasportatur li effettivament iwettaq il-parti mit-titjira li tintlaqat minn dewmien żgħir (ta' inqas minn tliet siegħat) li wassal għat-telf tal-konnessjoni u b'hekk ikkawża dewmien kbir (ta' iktar minn tliet siegħat) għall-wasla fid-destinazzjoni finali huwa obbligat iħallas il-kumpens fi flus previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament [Nru ]261/2004?

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8. p. 10).